MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1050/2005

***Mike Service Station Limited***

***Versus***

**Robert *sive* Robbie Debono f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà *R & R Waste Kleaners Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' sitt elef, seba' mija u sitta u sebgħin lira u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Lm6,776.95) – daqs ħmistax-il elf, seba' mija u sitta u tmenin euro u ħames ċenteżmi (€15,786.05) – li b'nota tal-20 ta' Marzu 2009 naqqsithom b'elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għal tlittax-il elf, erba' mija u sitta u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€13,456.68), prezz ta' *parts*, xogħol u *diesel fuel*. Qiegħda titlob ukoll l-imgħaxijiet legali sa meta jsir il-ħlas u l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri bonarji u ta' ittra uffiċjali

Il-konvenuti ma ressqux eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi iżda b'nota tat-23 ta' April 2009 ammettew it-talba tal-attriċi kif imnaqqsa.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża fuq ammissjoni tal-konvenuti billi tikkundannahom flimkien *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi tlittax-il elf, erba' mija u sitta u ħamsin euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€13,456.68) flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------